**Qorti tal-Appell Kriminali**

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru. 431/2017

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Emanuel Camilleri**

Illum 12 ta' Lulju, 2018,

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Emanuel Camilleri detentur tal-Karta tal-identita' Maltija bin-numru 153786M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta), bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli ghax-xahur ta' April u Mejju 2017, f'dawn il-Gzejjer:

1. Naqas li jghati lil Costantina Micallef, is-somma ta' 350 Ewro fix-xahar, ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghall-uliedu u/jew martu, fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skont l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-23 ta' Ottubru, 2017 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 18 u 338(z) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta; sabet lill-imsemmi mputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u kkundannatu ghall-xahar prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellant Emanuel Camilleri minnu pprezentat fit-2 ta' Novembru, 2017 fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi, filwaqt li tikkofnerma l-htija tal-appellant, tirrifomaha u tvajha in kwantu l-piena billi minflok il-piena nflitta tissostitwixxi ghall-istess piena, piena katar ekwa u gusta ghall-kaz odjern.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

5. Illi l-aggravju tal-esponenti huwa fuq il-piena erogata mill-Ewwel Qorti billi fid-dawl tac-cirkostanzi kollha tal-kaz inghatat piena sproporzjonata.
6. Illi preliminarjament, l-esponenti jirrikonoxxi li ghandu obbligu li jhallas il-manteniment ghall-uliedu. Id-diffikulta f'dan il-kaz bil-fatt li l-Qorti tal-Familja immedjatament poggietu f'pozizzjoni finanzjarja prekarja meta ordnat li l-manteniment jithallas b'mod retroattiv.
7. Illi d-digriet in kwistjoni fisser li immedjatament l-espoenenti kellu jhallas seba' mitt Ewro (€700) manteniment, u dan apparti l-manteniment ta' Gunju li kien dovut biss ftit jiem wara li nghata id-digriet surreferit.
8. Illi l-esponenti rregola l-posizzjoni tieghu vis-á-vis mantenmient dovut tax-xhur sussegwentu u kien jonqos biss li jithallas l-ammont tax-xhur ta' April u Mejju, 2017.
9. Illi din kienet l-ewwel darba li l-esponent qatt ressaq fuq kaz rigward il-manteniment u dan il-fatt kien kkonfermat mill-parte civile stess meta xhedet.
10. Illi meta wiehed iqis dawn ic-cirkostanzi, l-imposizzjoni ta' xahar prigunerija kienet ghal kollox sproporzjonata u dan aktar meta wiehed iqis ir-riskju reali li jekk l-esponenti jintbghat il-habs jinholoq cirku vizzjuz precizament ghaliex ma jkunx jista' jhallas manteniment ghal-uliedu jekk ikun detenut il-habs.
11. Illi waqt it-trattazzjoni tal-kaz kien suggerit li f'kaz ta' htija, is-sentenza tkun wahda sospiza u li l-esponenti jinghata zmien b'applikazzjoni tal-Artikolu 28H tal-Kap 9 sabiex f'dak iz-zmien moghtij lilu, jottempra ruhgu u jhallas il-manteniment dovut. Meta wiehed iqis ic-cirkostanzi surreferiti, certament kienet piena aktar idonea u adattat ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi llum seduta stante l-parte civile iddikjarat illi hija thallset il-manteniment kollu dovut f'din il-pendenza. Illi ghalkemm xorta wahda tirrizulta r-reita, madanakollu fid-dawl tac-cirkostanzi fejn il-partijiet issa ssorvolaw id-divergenzi ta' bejniehtom, hemm lok ghall-varjazzjoni fil-piena.

Ghaldaqstant din il-Qorti qeghda tirriforma s-sentenza appellata, billi filwaqt illi tikkonfermha fejn din sabet lill-appellant hati tal-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu tirrevoka in kwantu ikkundannatu ghal tlett xhur prigunerija u wara li rat l-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena m'illum.

Il-Qorti wissiet lil hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkometti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kondizzjonata.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur